## L-ISTORJA TA' MARSAXLOKK

### *KITBA TA' JOSEPH GRECH*



Fl-aħħar tal-ħames parti konna għedna li fil-11 ta' Jannar 1897 l-Arċisqof Pietru Pace kien iddikjara lil Marsaxlokk Parroċċa għaliha.

Mons. Arċisqof ħalla lil Dun Salv Delia jmexxi din il-Parroċċa. Hekk kien jixraq għaliex dan is-Saċerdot Żejtuni kien ġa ilu mis-sena 1894 jieħu ħsieb bħala Viċi Parrokku. Fis-27 ta' Frar 1897 Dun Salv ġie maħtur bħala Vigarju Kurat tal-Knisja ta' Marsaxlokk.

Dun Salv Delia amministra l-ewwel Sagrament taż-Żwieġ nhar il-Ħadd 10 ta' Lulju 1897 meta żewwseġ lil Spiru Baldacchino ma' Maria Assunta Maniscalco (Manassi).

Din il-koppja fetħet era ġdida kummerċjali f'Marsaxlokk, meta insibu li tliet irġiel mill-familja Baldacchino, Spiru, Bartolomew(Mijju) u Ġużeppi, iżżewġu tliet xebbiet mill-familja ta' Maniscalco li kienu Maria Assunta (Manann), Ġużeppa (Peppina), u Katarina, rispettivament.

Il-tliet koppji fetħu ħanut f'Marsaxlokk. Dawn il-ħwienet kienu armati tajjeb, għal dak iż-żmien, kemm tax-xorb, kif ukoll tal-grocer, iżda l-aktar wieħed li baqa' jissemma kien id-Duncan Hotel ta' Spiru, u Manann, li kien ikun patroniżżat tajjeb kemm mis-sajjieda ta' Marsaxlokk, kif ukoll minn ħafna nies li kienu jaslu sa Marsaxlokk għal mistrieħ tagħhom.
Fuq kollox dawn kienu nies ta'qalb tajba, kienu jdejnu, u jitimgħu lil min kien ikun bil-ġuħ, sakemm Alla kien jipprovdi.

L-uniku ħanut li fadal illum minn dawn it-tlieta li semmejna, huwa d-Duncan Restaurant fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja. Nhar il-Ħadd 3 t'Ottubru 1897 saret l-ewwel Festa tal-Madonna ta' Pompej bħala Parroċċa ġdida. Din bdiet issir mill-1893. Nhar il-Ħadd 24 t'Ottubru 1897 Dun Salv Delia ħa l-pussess bħala l-ewwel kappillan ta' Marsaxlokk.

# *Għaqda Mużikali Pompei*

Għalkemm kien żmien ta' faqar kbir il-poplu ta' Marsaxlokk kien kuntent bil-Parroċċa ġdida tiegħu u bil-mod żelanti li l-Kappillan Delia kien qed imexxi. Kellu x-xorti ħażina li miet missieru. Iżda nibtet f'qalb ix-Xlukkarji x-xewqa li f'dan ir-raħal ikollhom statwa tal-Madonna ta' Pompei bħala titular tal-Parroċċa. Kemm il-Kappillan kif ukoll l-Awtoritajiet tal-Knisja qablu magħhom. Għalhekk il-Kappillan Delia bil-permess ta' Mons. Arċisqof għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex din l-istatwa tinħadem f'Lecce.

Kienu s-sajjieda li ftehmu bejniethom li għal din id-darba l-ispiża ser tkun għalihom. Iddeċidew illi sabiex jiħallsu l-ispejjeż ta' l-Istatwa tal-ġarr tagħha, u kull manutenzjoni li jkollha bżonn il-quddiem, kull Padrun ta' dgħajsa tas-sajd għandu jaqta' terz ta' sehem ta' baħri (sajjied) ma kull qasma li ssir matul l-istaġun lill-Kappillan. Din l-offerta tas-sajjieda baqgħet u għada sal-lum imsejħa IT-TERZ TAL-MADONNA.

***Il-wasla tal-Madonna***

Kien żmien ir-Rebbiegħa tas-sena 1900 meta l-Istatwa tal-Madonna ta' Pompei waslet fuq xatt id-Dwana, il-Belt. Irġiel u ġuvintur Xlukkajri ħadu l-inkarigu li jwassluha fuq l-ispallejn sal-Knisja b'għajnuna minn irġiel oħra, għaliex ħafna kienu dawk li xtaqu jerfgħu lil din l-istatwa hekk sabiħa.

Fiż-Żejtun ġew milqugħa mill-Banda Beland, li kompliet tikkumpanja sa M'Xlokk. L-istatwa tal-Madonna ta' Pompej ġiet milqugħa mill-poplu ta' M'Xlokk b'entużjażmu kbir u arja ta' Festa.

***Jmut l-ewwel kappillan***

Kienu għaddew sentejn meta dan il-ferħ inbidel fi swied il-qalb l-aktar kbir. Fil-ġurnata tal-24 t'April 1902 il-poplu Xlukkajri tbikkem meta ħarġet l-aħbar li l-kappillan Delia mar jiltaqa' mal-Mulej li tant ħabb. Kien għad kellu 38 sena. Kien hemm rabta kbira ta' mħabba bejn dan il-kappillan u l-poplu.

Il-Kappillan baqa' f'M'Xlokk. Dun Salv Delia ġie midfun f'nofs il-Korsija, fejn għadu sallum qrib in-niċċa tal-Madonna ta' Pompej.



*Il-Knisja armata għall-festa ta' Pompei*

